**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU.64 - L-ERBGĦA 28 TA' FRAR 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-5.51pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier (waslet 17:54) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier (ingħaqad online) |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Charmaine Calleja | Uffiċjal tal-Kunsill |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li ma kellux apoloġiji pero' l-kunsillier Cuomo infurmatu li ġejja ftit tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.2. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa nr. 63 nem com. Ipproponiet is-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressqet il-komunikazzjoni hekk kif ġej:

3.2. Fis-29 ta' Jannar saret laqgħa mal-Active Aging Centre peress li hemm bżonn xi tiswijiet u manutenzjoni fis-sala fejn jiltaqgħu l-anzjani.

3.3. Fil-31 ta' Jannar ħadet sehem fil-Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-iskola Primarja tan-Naxxar u magħha kien hemm ukoll il-Kunsillier Noel Gatt.

3.4. Fl-1 ta' Frar, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw kuntratt pubbliku mal-iżviluppaturi ta' sit fi Triq l-Imnara bħala parti mill-obbligu tiegħu tal-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar u dan sabiex ikun aċċertat li jonora l-obbligu vis-a-vis it-triq pubblika.

3.5. Fid-9 ta' Frar ir-Reġjun Tramuntana organizza data sabiex is-Sindki tar-Reġjun marru jaraw it-Torri tal-Kaptan. Dan wara arranġament min-naħa tar-Reġjun biex jinfetaħ it-Torri. Minn naħa tal-Kunsill mar is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

3.6. Fit-13 ta' Frar ġiet sottomessa l-appell għall-kawża Fenech Joseph vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta Et.

3.7. Peress li l-Active Aging Directorate ħa d-deċiżjoni fis-16 ta' Frar li ċ-ċentru tal-anzjani jingħalaq temporanjament u minħabba li dan wassal għal inkonvenjent kbir lil-anzjani li ntbagħtu l-Imsida, l-Kunsillier Brincat tkellem mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani biex jagħmel żjara fuq il-post. Il-Kunsillier Brincat għamel arranġamenti biex inġiebu ħaddiema mit-Tourism Zones li bajjdu s-sala kollha propju l-ġimgħa l-oħra. B'riżultat taż-żjara tal-Onor. Agius Galea, ġejna offruti għajnuna finanzjarja biex isiru tiswijiet fuq il-bejt li jinkludi l-membrane. Saru wkoll l-arranġamenti u applikazzjoni DNO lill-PA biex tinqala' l-iskylight li hija l-kawża prinċipali tad-dħul ta' ilmijiet u minflok tissaqqaf. Qed issir il-kordinazzjoni meħtieġa biex isir ix-xogħol kollu neċessarju.

3.8. Fid-19 ta' Frar, il-Ministru Zrinzo Azzopardi flimkien mas-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli, flimkien mac-CEO tad-Dipartiment tal-Artijiet ġew fl-uffiċini tal-Kunsill sabiex ġie ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-binja tal-Kunsill. Naturalment xorta se jkomplu jiġu pprovduti s-servizzi tal-Berġa tas-saħħa, l-Uffiċċju Postali, l-għassa tal-Pulizija, l-Uffiċċju tas-servizz.com u l-Iscouts.

3.9. Is-Sindku qalet li fit-22 ta' Frar kellha Taħrika ta' Xhud nr 208/23 dwar in-Naxxar Distribution Centre.

3.10. Kien hemm laqgħa ma' residenta ta' Baħar iċ-Ċagħaq u Fr Mark Ciantar fit-23 ta' Frar. Il-punti li ssemmew qed jiġu mgħoddija għal kumitat tal-ilmenti. Preżenti kien hemm il-Kunsillier Cuomo u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.11. L-amministrazzjoni bħalissa għaddejja bil-proċess ta' impjieg ta' skrivan/a. Saru digà xi interviews però għad jonqos xi konfermi meta tista' tibda. Hi qalet li mhux faċli ssib il-persuna addaddata, infatti persuna kienet magħżula u ma tfaċċatx, persuna oħra bdiet imma għamlet jumejn u telqet għax sabet impjieg ieħor.

3.12. F'dawn il-jiem għaddew xi kummenti fuq l-iżvilupp tat-Trade Fair. Ikkonfermat li dawn qed jirreferu għal PC22/19 li huwa outline application. Ikkonfermat ukoll li l-Kunsill kien oġġezzjona u għalhekk huwa objector formali.

3.13. Waslu nomini għall-Premju Mara. Il-Kunsill irċieva erba' nomini li minnhom intgħażlet dik lil Pauline Miceli. L-għażla saret permezz ta' whatsapp peress li ma kienx hemm żmien li tiġi deċiża fil-laqgħa. Il-kunsillieri kienu unanimi fl-għażla. In-nomini l-oħra kienu għal Anna Spiteri Meilak, Mary Grace Pisani u Marita Abdilla Bezzina.

3.14. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li xi drabi l-Kunsill jiċievi talbiet għal danni ta' kull ġeneru. Saħqet li meta l-Kunsillieri jiltaqgħu ma' nies li għandhom claim miftuħ magħna, ma jitgħaddux opinjonijiet personali. Aħna nkunu diġà f'kuntatt mal-Insurance u l-avukat tagħna u għalhekk jista' jiġi ippreġudikat l-każ.

3.15. Il-Kunsill kien qabel fuq proġett għal Baħar iċ-Ċagħaq ma' Project Green. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Brincat komplew jaħdmu u flimkien mall-Perit waslu għal-pjanti finali. Il-pjanti oriġinali kellhom jinbidlu minħabba li ma kienx aċċettat li s-siġar eżistenti jinqalgħu u għalhekk kellhom isiru pjanti li jżommu s-siġar eżistenti. Dawn il-pjanti se jkunu sottomessi lil-Planning Authority u li allura awtomatikament ikunu pubbliċi. Rajna li xorta waħda jkollna pjanti sbieħ u li jixirqu maz-zona. Qed naħdmu wkoll u għandna indikazzjonijiet li dan il-proġett irid jitlesta sal-2025. Se nkomplu naħdmu għar-residenti tagħna sabiex ikollna aktar spazji miftuħa u aktar landscaping. Stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex juri l-pjanti.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;**

4.1. Is-SE ressaq il-mistoqsijiet u t-tweġiet għal mistoqsijiet li saru mil-Viċi Sindku (annessi f'A).

4.2. Saret diskussjoni fejn il-Viċi Sindku staqsa fuq somma ta' €20,000 mir-Regjun Tramuntana biex jibbenefikaw minnhom l-NGOs pero' huma ma jafux bihom. Is-Sindku saħqet li hi qed titkellem ma' kull NGO u huma jridu jagħtu r-risposti. Id-diskussjoni waqgħet fuq l-attivita' li saret fil-Milied li għadda fejn skont il-Viċi sindku, l-NGOs ma kellhomx iħallsu għal stalls. Madanakollu kien aċċertat li dan kollox kien miftiehem qabel u maqbul f'laqgħat preċedenti.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:**

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2. Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/63) anness f'appendiċi B.

5.3. Lista ta' dħul tax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi Ċ.

5.4. Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi D.

5.5. Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Jannar anness f'appendiċi E.

5.6. Il-Kunsill approva r-rapporti (nem con) fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI;**

6.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 (annessi f'appendiċi F). Il-punti diskussi f'din il-laqgħa kienu:

6.1.1. Appell għal talbiet għal ħlas ta' danni:

6.1.1.1. 003/24 - EUR85 (barxa fuq żarbuna)

6.1.1.2. 013/24 – EUR1,077;

6.1.2. Assikurazzjoni fuq il-Mitħna tal-Għaqba;

6.1.3. Applikazzjoni għal restawr ta' kappelli f'Baħar iċ-Ċagħaq;

6.1.4. Kumpens għal żidiet fil-prezzijiet RADIX;

6.1.5. Manutenzjoni u xogħlijiet fuq is-sala tal-Kunsill;

6.1.6. Impieg ġdid mal-Kunsill;

6.1.7. Senteza dwar l-aċċident mal-bollard-appell;

6.1.8. Xiri ta' mejda, siġġijiet u attrezzar għas-sala tal-laqgħat;

6.2. Dawn kienu approvati nem con fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Mark Deguara.

6.3.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI;**

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 (annessi f'appendiċi G).

7.1.1. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi ma' dak propost mis-sidien.

7.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (nem con) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**8. MOZZJONI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-IŻVILUPP TAL-LATRINA;**

8.1. Is-Sindku qrat il-mozzjoni li ġiet proposta kemm mis-Sindku kif ukoll mill-Kunsillier Brincat. Issekondaw il-Kunsillier Cuomo u l-Kunsillier Gatt

8.2. Il-Kunsillier Brincat fetaħ id-diskussjoni fejn spjega ir-raġuni għall-mozzjoni u għaliex kien infurmat li tali arranġament seta' jsir.

8.3. Il-Viċi Sindku ippropona emenda biex wara l-ewwel punt fuq jiżdiedu l-kliem "biex jgħin lill-għaqdiet kollha tan-Naxxar." Ippronona wkoll li klawsola indikata bin-numru 5 li titkellem dwar il-kordinazzjoni tal-attività tal-Milied. Issekonda l-Kunsillier Spiteti. Ittieħed vot fuq din l-emenda li però m'għadditx (favur l-emenda vvutaw il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri Spiteri u Deguara u l-kumplament tal-Kunsillier vvutaw kontra).

8.4. Il-Kunsillier Spiteri ippronona li jitneħħew il-punti minn 1 sa 5 u minflok jiddaħħal punt wieħed li jgħid "Wara li jsiru l-costings, tiġi stabbilita ħlas min-Naxxar Lions lill-Kunsill." Peress li ħadd ma ssekonda din l-emenda, ġiet awtomatikament imwarrba.

8.5. Finalment is-Sindku talbet vot fuq il-mozzjoni li għaddiet bil-voti favur tal-membri kollha (8) apparti tal-Kunsillier Spiteri li vvota kontra.

**9. LAQGĦA TAL-LOKALITA -POSPOSTA GĦAL MARZU;**

9.1. Minkejja li kien hemm id-data stabbilità, minħabba obbligi legali, din kellha tiġi posposta u għalhekk kien hemm qbil li issir fis-27 ta' Marzu 2024 wara l-laqgħa tal-Kunsill fis-7:30pm.

**10. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

10.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-19:51.

10.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu fis-5:30pm.

10.3. Il-Kunsill qabel wara ssir il-laqgħa tal-lokalità. Fis 7.30pm

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

23 ta’ Frar, 2024

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/64

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 28 ta’ Frar 2024 fis-17:45.

Tista’ tgħażel li tingħaqad b’mod virtwali permezz ta’ sistema virtwali iżda jista’ jkun hemm limitazzjonijiet biex issegwi preżentazzjonijiet li jista’ jkun hemm waqt il-laqgħa. Jista’ wkoll ikun hemm u xi diffikultajiet biex il-pubbliku li jkun qiegħed isegwi live, isegwikom waqt l-interventi. Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta’ Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b’mod *on demand*.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju

Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 8/64

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;
4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:
   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi;
7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti;
8 Mozzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-iżvilupp tal-latrina;
9 Laqgħa tal-lokalità – posposta għal Marzu;
10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Jannar 2024 sal-21 ta' Frar 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi | €147.50 | €147.50 | T | PF | Review of planning applications - Jan 24 | 31/01/2024 | 4231 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Jan 2024 | 30/01/2024 | 2018-5132 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | AKL | €65.00 | €65.00 | NA | PF | Money Policy 2024 with AKL | 24/01/2024 | tkt69993 | n/a | n/a | 3030 |
| 4 | AKL | €450.00 | €450.00 | NA | PF | Personal accident policy for 15 for 2024 | 24/01/2024 | tkt69994 | n/a | n/a | 3030 |
| 5 | Daniel Aquilina | €601.10 | €601.10 | D | PF | il-PL intavola l-Ittra Ufficjali u l-appell | 13/02/2024 | tkt71294 | n/a | n/a | 3190 |
| 6 | Michela Aquilina | €160.00 | €160.00 | NA | PF | Service of Animator for Junior Science Club for Jan 24 | 31/01/2024 | nr 4 | n/a | n/a | 3190 |
| 7 | Archway Ironmongery | €143.63 | €143.63 | K | PF | Ironmongery supplies as needed | 17/01/2024 | 41374 | 252/23 | 014/24 | 2210 |
| 8 | Archway Ironmongery | €113.97 | €113.97 | K | PF | Ironmongery supplies as needed | 31/01/2024 | 41356 | 014/24 | 014/24 | 2210 |
| 9 | Arms | €103.85 | €103.85 | NA | PF | Bill for water pump, Triq il-Parrocca (20.9-21.12.23) | 09/01/2024 | 37574564 | n/a | n/a | 2130 |
| 10 | Arms | €39.89 | €39.89 | NA | PF | Bill for public garden, Triq S H Luke (20.9-21.12.23) | 09/01/2024 | 37574563 | n/a | n/a | 2130 |
| 11 | Arms | €51.19 | €51.19 | NA | PF | Bill for Gnien il-Hamrija (2.9-1.12.23) | 09/01/2024 | 37574562 | n/a | n/a | 2130 |
| 12 | Arms | €244.35 | €244.35 | NA | PF | Bill for public conv, Triq Labour (20.9-22.12.23) | 09/01/2024 | 37574565 | n/a | n/a | 2130 |
| 13 | Arms | €103.99 | €103.99 | NA | PF | Bill for Gnien l-eghnieq (19.9-1.12.23) | 09/01/2024 | 37574561 | n/a | n/a | 2130 |
| 14 | Arms | €103.69 | €103.69 | NA | PF | Bill for open gym (3.6-2.12.23) | 09/01/2024 | 37574574 | n/a | n/a | 2130 |
| 15 | Arms | €83.99 | €83.99 | NA | PF | Bill for gnien EU, Triq il-Marokk (3.9-2.12.23) | 09/01/2024 | 37574560 | n/a | n/a | 2130 |
| 16 | Arms | €568.78 | €568.78 | NA | PF | Bill for LC office (12.12.23-11.1.24) | 30/01/2024 | 37720518 | n/a | n/a | 2130 |
| 17 | Arms | €207.12 | €207.12 | NA | PF | Bill for old mill (5.9-3.11.23) | 13/02/2024 | 37795581 | n/a | n/a | 2130 |
| 18 | Arms | €345.18 | €345.18 | NA | PF | Bill for old mill (4.11.23-05.1.24) | 14/02/2024 | 37805037 | n/a | n/a | 2130 |
| 19 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Jan 2024 | 31/01/2024 | 3379 | n/a | n/a | 3191 |
| 20 | B. Grima & Sons | €160.48 | €160.48 | K | PF | Signs and brackets | 16/01/2024 | 10014400 | 004/24 | 004/24 | 2313 |
| 21 | B. Grima & Sons | €462.56 | €462.56 | K | PF | Signs and poles | 12/02/2024 | 10014470 | 017/24 | 017/24 | 2313 |
| 22 | B. Grima & Sons | €165.20 | €165.20 | K | PF | 5 poles | 12/02/2024 | 10014474 | 017/24 | 017/24 | 2313 |
| 23 | Bank of Valletta | €30.00 | €30.00 | NA | PF | Security deposit bags | 19/01/2024 | n/a | n/a | n/a | 3035 |
| 24 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 05/02/2024 | 136320 | 22/24 | 22/24 | 2311 |
| 25 | Briiz | €1,424.85 | €1,424.85 | K | PF | Cleaning of public convenience Jan 2024 am & pm | 31/01/2024 | 66575 | n/a | n/a | 3053 |
| 26 | Grace Camilleri | €255.84 | €255.84 | NA | PF | Librarian services for Jan 2024 | 31/01/2024 | | n/a | n/a | 2995 |
| 27 | Benjamin Cilia | €2,269.02 | €2,269.02 | T | PF | Handyman service for Jan 24 | 31/01/2024 | nr 1 | n/a | n/a | 3125 |
| 28 | Benjamin Cilia | €5,898.82 | €5,898.82 | K | PF | Rental of Christmas lights 2023 | 13/02/2024 | 132 | n/a | n/a | 3362 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Jannar 2024 sal-21 ta' Frar 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Cosyra Legal | €1,239.04 | €1,239.04 | NA | PF | Legal ordinary services from May 23 till January 24 | 27/01/2024 | nr 1 | n/a | n/a | 3140 |
| 30 | Edinamix | €153.40 | €153.40 | NA | PF | Website hosting naxxar.gov.mt - Jan 24 till Jan 25 | 09/02/2024 | 202404 | n/a | n/a | 3110 |
| 31 | Epic | €42.94 | €42.94 | NA | PF | Bill for 99370990 for Jan 24 | 01/02/2024 | 12628059022024 | n/a | n/a | 2160 |
| 32 | Epic | €67.49 | €67.49 | NA | PF | Bill for 79404014 for Jan 24 | 01/02/2024 | 12628425022024 | n/a | n/a | 2160 |
| 33 | Farogroup Ltd | €56.64 | €56.64 | D | PF | SIM Card installed in the GSM dialer for the Fire detection system at Naxxar Windmill-Aug 23 till Aug 25 | 04/01/2024 | 20240008 | n/a | n/a | 2160 |
| 34 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping - extra - for Jan 2024 | 31/01/2024 | 306 | n/a | n/a | 3051 |
| 35 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for Jan 2024 | 31/01/2024 | 305 | n/a | n/a | 3051 |
| 36 | Gasanmamo | €414.46 | €414.46 | NA | PF | Insurance and VRT of van NLC 004 | 01/02/2024 | | n/a | n/a | 3030 |
| 37 | Ghaqda Muzikali Banda Vittorja | €300.00 | €300.00 | D | PF | Advert: Talent Zghazugh 2024 | 29/01/2024 | nr 1 | .01/24 | .01/24 | 2940 |
| 38 | GlobalTech | €70.80 | €70.80 | D | PF | Callout charge re CCTV at Mithna | 14/02/2024 | 3653 | n/a | n/a | 3120 |
| 39 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental and usage for 21416341 Jan 24 | 02/01/2024 | 89335976 | n/a | n/a | 2160 |
| 40 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21417224 Jan 24 | 02/01/2024 | 89335767 | n/a | n/a | 2160 |
| 41 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Jan 24 | 02/01/2024 | 89335982 | n/a | n/a | 2160 |
| 42 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21417224 Feb 24 | 02/02/2024 | 89826655 | n/a | n/a | 2160 |
| 43 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental and usage for 21416341 Feb 24 | 02/02/2024 | 89826717 | n/a | n/a | 2160 |
| 44 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Feb 24 | 02/02/2024 | 89826723 | n/a | n/a | 2160 |
| 45 | Greenpak | €59.00 | €59.00 | NA | PF | Monthly internet connection fee for Jan 24 - Triq id-Dwieli & Triq il-Wirt Naturali | 31/01/2024 | 32754 | n/a | n/a | 2160 |
| 46 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Forga | 08/02/2024 | g.27460 | n/a | n/a | 4007 |
| 47 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq in-Nutar Debono | 02/02/2024 | g.1514 | n/a | n/a | 4007 |
| 48 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq ir-Ridott | 05/02/2024 | g. 28016 | n/a | n/a | 4007 |
| 49 | Image Systems | €161.13 | €161.13 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Jan 24 | 31/01/2024 | 555673 | n/a | n/a | 2160 |
| 50 | Inland Revenue Dept | €7,639.20 | €7,639.20 | NA | PF | FS & NI January 2024 | 26/01/2024 | | n/a | n/a | 1500 |
| 51 | J&G Drainage Solutions | €140.00 | €140.00 | D | PF | Unblocking of main drainage in public conv Triq Labour | 19/02/2024 | 750 | n/a | n/a | 2310 |
| 52 | Lesa | €122.00 | €122.00 | NA | PF | Officers for Active Mobility week on 29/10/2023 | 12/02/2024 | 22-006412 | n/a | n/a | 3360 |
| 53 | Lesa | €1,162.00 | €1,162.00 | NA | PF | Officers re Festa Vittorja 2023 | 12/02/2024 | 22-006145 | n/a | n/a | 3361 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Jannar 2024 sal-21 ta' Frar 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Lift Services | €100.00 | €100.00 | NA | PF | Fixing lift after it was out of order | 17/01/2024 | 423020 | n/a | n/a | 2360 |
| 55 | Maltapost | €219.00 | €219.00 | K | PF | Distribution fee for TCTC flyers | 20/02/2024 | tkt70124 | 029/24 | 029/24 | 2640 |
| 56 | Maltapost | €219.00 | €219.00 | K | PF | Distribution fee for locality meetin flyers | 21/02/2024 | tkt71603 | 031/24 | 031/24 | 2640 |
| 57 | Melita Business | €213.34 | €213.34 | NA | PF | Internet service for different locations Feb 24 | 01/02/2024 | 116401284 | n/a | n/a | 2160 |
| 58 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | L534 Triq il-Maghtab | 19/01/2024 | 12105 | n/a | n/a | 3065 |
| 59 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | W141 Sqaq il-Palk | 19/01/2024 | 12139 | n/a | n/a | 3065 |
| 60 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W251 Triq l-Imraden | 19/01/2024 | 12126 | n/a | n/a | 3065 |
| 61 | Micamed | €509.76 | €509.76 | T | PF | W102 Triq il-Gizwiti | 19/01/2024 | 12100 | n/a | n/a | 3065 |
| 62 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W141 Sqaq il-Palk | 19/01/2024 | 12108 | n/a | n/a | 3065 |
| 63 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | L465 Triq Qalet Marku | 19/01/2024 | 12153 | n/a | n/a | 3065 |
| 64 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | L522 Triq l-Imraden | 19/01/2024 | 12125 | n/a | n/a | 3065 |
| 65 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | W063 Triq San Gwann Evangelista | 05/02/2024 | 12197 | n/a | n/a | 3065 |
| 66 | Micamed | €539.26 | €539.26 | T | PF | W375 Triq il-Muftieh | 05/02/2024 | 12180 | n/a | n/a | 3065 |
| 67 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | Z028 Triq is-Salina | 16/02/2024 | 12217 | n/a | n/a | 3065 |
| 68 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W280 Triq it-Tuffieh | 16/02/2024 | 12224 | n/a | n/a | 3065 |
| 69 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W181 Triq Hal Dghejf | 16/02/2024 | 12233 | n/a | n/a | 3065 |
| 70 | Micamed | €218.30 | €218.30 | T | PF | Shifting of W104 from façade to pole Loyola | 16/02/2024 | 12250 | n/a | n/a | 3065 |
| 71 | Godfrey Mifsud | €767.00 | €767.00 | K | PF | Quartet performance at Jum in-Naxxar 2023 | 20/02/2023 | Nov-23 | 248/23 | 248/23 | 3360 |
| 72 | Victor Mula | €277.48 | €277.48 | D | PF | Paint and all needed for Day Centre works | 20/02/2023 | | n/a | n/a | 2375 |
| 73 | Victor Mula | €35.40 | €35.40 | D | PF | High-up costs re transporation of stone from Triq il-Forga to Mithna | 06/02/2024 | 389 | n/a | n/a | 2720 |
| 74 | Victor Mula | €5,898.82 | €5,898.82 | | PF | Rental of equipment and christmas lights 2023 | 06/02/2024 | 390 | | | 3362 |
| 75 | Victor Mula | €2,269.02 | €2,269.02 | T | PF | Handyman service for Jan 24 | 31/01/2024 | nr. 1 | n/a | n/a | 3125 |
| 76 | Naxxar Lions | €300.00 | €300.00 | D | PF | Advert in Calendar 2024 | 01/02/2024 | LC002 | 24/24 | 24/24 | 2940 |
| 77 | Paramount | €302.08 | €302.08 | K | PF | Transport services for December 2023 | 25/01/2024 | 10012494 | 019/23 | 229/23 | 2720 |
| 78 | | | | | | | | | | | |
| 79 | Paul Tonna Son of Santu Ltd | €68.27 | €68.27 | K | PF | Glass for Naxxar Local Council, Civic Centre Main Entrance Aluminum Door including installation | 29/01/2024 | 169313 | 265/23 | 265/23 | 2375 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mit-18 ta' Jannar 2024 sal-21 ta' Frar 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | Peace Band Club | €300.00 | €300.00 | K | PF | Advert in Calendar 2024 | 07/02/2024 | PBC/002/2024 | 25/24 | 25/24 | 2940 |
| 81 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for Jan 2024 | 31/01/2024 | 24/002 | 015/24 | 015/24 | 3160 |
| 82 | Rausi Co Ltd | €76.51 | €76.51 | K | PF | 2 thermos with pump for conference room | 17/01/2024 | 271927 | .09/24 | .09/24 | 3320 |
| 83 | S&R Handaq Ltd | €150.45 | €150.45 | K | PF | Blue paint and thinner | 14/02/2024 | 99632 | 027/24 | 027/24 | 2312 |
| 84 | Scotts Supermarket | €190.26 | €190.26 | D | PF | Cleaning and office supplies + public convience supplies | 03/02/2024 | 2761 | 021/24 | 021/24 | 2670 |
| 85 | Simply Clean | €832.80 | €832.80 | T | PF | Office cleaning for Jan 24 | 06/02/2024 | 208 | n/a | n/a | 3055 |
| 86 | Simply Clean | €99.12 | €99.12 | K | PF | Windmill cleaning Jan 24 | 06/02/2024 | 209 | 236/23 | 236/23 | 3060 |
| 87 | Simply Clean | €2,853.83 | €2,853.83 | T | PF | Bulky refuse service for Jan 24 | 13/02/2024 | 216 | n/a | n/a | 3042 |
| 88 | Sign it | €649.00 | €649.00 | D | PF | Chairs re Jum in-Naxxar 2023 | 18/01/2024 | 15595 | 245/23 | 245/23 | 3360 |
| 89 | Spiteri Catering | €128.62 | €128.62 | K | PF | Trolley for coffee serving in conf room | 22/01/2024 | S54943 | .011/24 | .011/24 | 2670 |
| 90 | Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for January 2024 | 31/01/2024 | 1537 | n/a | n/a | 3061 |
| 91 | Transmec Services Ltd | €272.58 | €272.58 | K | PF | Angles for planters structure for Pjazza | 11/01/2024 | 84256 | .06/24 | .06/24 | 2360 |
| 92 | Urban Furniture | €1,112.15 | €1,112.15 | K | PF | No Entry signs + poles needed for Triq Leli Falzon and sidest | 15/01/2024 | 2288 | .05/24 | .05/24 | 2313 |
| 93 | Anton Zarb | €58.35 | €58.35 | K | PF | Pole hole cover with chain | 14/02/2024 | AZ 13-24 | 016/24 | 016/24 | 2310 |
| | | **€70,845.94** | **€70,845.94** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - January 2024**

| For 04/01/2024 through 25/01/2024 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 04/01/2024 | Mille Profumi | Toiletries | | €19.50 | 001/24 |
| 09/01/2024 | Transmec | Angle bar for new planters re pedestrinisation | | €15.58 | 002/24 |
| 12/01/2024 | V.C. Service Statior | Diesel for generator | | €25.20 | 003/24 |
| 23/01/2024 | Maxims | Refreshments re DG Meeting | | €16.00 | 004/24 |
| 25/01/2024 | Convenience | 2 sugar | | €3.70 | 005/24 |
| 25/01/2024 | Transmec | T for sign | | €21.24 | 006/24 |
| | | Back to float | €101.22 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | €301.22 | €101.22 | |

List created by Charmaine Calleja

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of January 2024**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €1,566.43 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | €10,000.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €2,518.27 |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €105.40 |
| 0026 | Crane Permit | €4,683.48 |
| 0027 | Kiosk Permit | €23.29 |
| 0028 | Outside Activity permit | €26.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €1,861.67 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | €46.65 |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | €802.00 |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €18.64 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €690.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | €300.00 |
| | **TOTAL** | **€21,076.05** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 51852 |
| | To | 52304 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 February 2024

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of January 2024** **03/01/2024**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/01/2024 | 001/24 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina Banda Vittorja | Advert: Talent Zghazugh 2024 | 300.00 |
| 04/01/2024 | 002/24 | Paramount Garage | Day Centre January outing | 141.60 |
| 04/01/2024 | 003/24 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags x12 | 96.29 |
| 09/01/2024 | 004/24 | B. Grima & Sons Ltd. | street sign and items needed | 160.48 |
| 10/01/2024 | 005/24 | Urban Furniture Malta | No Entry signs + poles needed for Triq Leli Falzon and sidestreets | 1112.15 |
| 10/01/2023 | 006/24 | Transmec - Iron and steel | Angles for planters structure for Pjazza | 272.58 |
| 15/1/2024 | 007/24 | Joseph F. Spiteri & Co Ltd | Key clamp | Cancelled |
| 15/01/2024 | 008/24 | Longbow Ltd | TORK HAND TOWEL ROLLS 6X280M | 219.48 |
| 17/01/2024 | 009/24 | Hometrends | 2 thermos with pump | 76.50 |
| 17/01/2024 | 010/24 | St. Anthony Woodworks | Door and window for room next to Mithna | 1539.90 |
| 18/01/2024 | 011/24 | Spiteri Catering | Trolley for coffee serving in conf room | 109.00 |
| 19/01/2024 | 012/24 | Paramount Garage | Weekly transport services for 2024 | 2515.76 |
| 23/01/2024 | 013/24 | Paramount Garage | February Day Centre Outing | 118.00 |
| 24/01/2024 | 014/24 | Archway Ironmongery | Ironmongery items as needed | 142.88 |
| 24/01/2024 | 015/24 | Romina Perici Ferrante | Accounting services for 2024 | 5890.56 |
| 25/01/2024 | 016/24 | Anton Zarb | Tappiera tal-arbli tal-festa | 58.35 |
| 31/01/2024 | 017/24 | B. Grima & Sons Ltd. | Various signs needed | |
| 31/01/2024 | 018/24 | Vincent Marmara | SURVEY ON PJAZZA VITTORJA, NAXXAR | 5310.00 |

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 21 ta' Frar 2024
**Ħin:** 13:44 - 14.30
**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat, Il-Kunsillier Joe Spiteri (sostitut tal-Viċi Sindku) is-Segretajru Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.
**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Appell fuq ħlas ta' danni nr 003/24 - ammont mitlub huwa ta' EUR85;**

   1.1. Il-Kumitat iddiskuta dan l-appell u qabel li jżomm mad-deċiżjoni iniżjali.

2. **Appell fuq ħlas ta' danni nr 013/24 - ammont mitlub huwa ta' EUR1,077;**

   2.1. Il-Kumitat iddiskuta dan l-appell u qabel li dan il-każ għandu jgħaddi għan l-entità li kienet qed taħdem fit-triq imsemmija dakinhar li seħħ l-allegat inċident.

3. **Assikurazzjoni fuq il-Mitħna tal-Għaqba;**

   3.1. Is-SE informa lill-Kumitat li dan il-punt se jkollu jiġi diskuss il-laqgħa li jmiss minħabba li qed tintalab aktar informazzjoni mill-insurance. Madanakollu kien approvat li fil-każ ta' *public liability* għandha ssir l-assikurazzjoni meħtieġa.

4. **Applikazzjonijiet għal restawr ta' kappelli f'Baħar iċ-Ċagħaq;**

   4.1. Is-SE informa lill-Kumitat li kien hemm skema ta' restawr ta' postijiet antiki u li għaliha l-komunità tal-patrijiet ta' Baħar iċ-Ċagħaq xtaqu japplikaw għar-restawr ta żewġ kappelli f' Baħar iċ-Ċagħaq. Dawn huma l-Kappella ta' San Pietru Sajjied u ta' San Ġwann l-Evanġelista.

   4.2. Il-Kumitat qabel li l-Kunsill għandu jgħin u jkun parti minn din l-applikazzjoni.

**5. Kumpens għal żidiet fil-prezzijiet RADIX;**

5.1. Is-SE fakkar lill-Kumitat li kien hemm skema bil-liġi dwar żidied fil-prezzijiet. Kienet saret applikazzjoni minn RADIX fuq il-mekkaniżmu tal-Mitħna u li ġiet approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Din iż-żieda, se tkun koperta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali u għalhekk il-Kunsill mhux se jitħol fi spejjeż addizzjonali.

5.2. Il-Kumitat innota dan il-fatt.

**6. Manutenzjoni u xogħlijiet fuq is-sala tal-kunsill;**

6.1. Is-SE spejga li s-sala tal-Kunsill kellha bżonn manutenzjoni u b'riżultat is-servizz anzjanità attiva min-Naxxar ġie sospiż (mid-Dipartiment innifsu) u l-anzjani qed jittieħdu l-Imsida. Dan qed joħloq inkonvenjent kbir lill-anzjani. Spjega wkoll li l-Kunsillier Brincat kien irranġa biex issir żjara fuq il-post mis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Dr Malcolm Paul Agius Galea, biex jara xi ħsarat hemm u kien evidenti li ma kien hemm l-ebda periklu ħlief li kien hemm bżonn tibjid urġenti u xogħol ieħor biex ma jibqax jidħol ilma.

6.2. Huwa nforma li x-xogħol tat-tibjid beda it-Tlieta 20 ta' Frar minn ħaddiema ta' Tourism Zones wara intervent mill-Kunsillier Brincat. Il-Kunsill qed ħallas għal materjal.

6.3 Informa wkoll li saret applikazzjoni mal-PA (DNO) biex l-iskylight titneħħa u minflok tissaqqaf permanenti peress li din hija waħda miż-żewġ fatturi ta' dħul ta' ilmijiet kull darba li tagħmel ix-xita u li l-ebda manutenzjoni ma jsolvi l-problema. It-tieni fattur huwa li hemm bżonn jinqala' u jinbidel il-membrane. L-amministrazzjoni flimkien mal-Perit qed jikkordinaw ix-xogħlijiet neċessarji. Min-naħa tas-Segretarju Parlamentari se jkun qiegħed jirranġa biex ikunu provduti Eur15,000 għal dawn ix-xogħlijiet. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali se tkun qed tipprovdi assistenza bil-ħaddiema biex jaqilgħu il-membrane.

**7. Impjieg ġdid mal-Kunsill;**

7.1. Is-SE informa lill-Kumitat li kien ġie impejat persuna li iżda rreżenja minħabba li sab impjieg x'imkien ieħor. Qabel dan kienet intgħażlet persuna oħra li però ma bdiet qatt u lanqas ma seta' jsir aktar kuntatt magħha.

**8. Sentenza dwar l-aċċident mal-bollards - appell;**

8.1. Is-SE informa lill-Kumitat li dwar dan il-każ iddaħħal appell għan-nom tal-Kunsill.

**9. Xiri ta' mejda, siġġijiet u attrezzar għas-sala tal-laqgħat.**

9.1. Is-SE informa lill-Kumitat li fid-dawl li fl-elezzjoni tal-Kunsill li jmiss, se jiżdiedu żewġ kunsillieri, se jkun hemm bżonn li tinbidel il-mejda u l-attrezzaturi għal laqgħa tal-Kunsill.

9.2. Il-Kumitat qabel li jsir dak li hemm bżonn.

**10. Għajnuna għall-festin tal-Milied f'Baħar iċ-Ċagħaq**

10.1. Is-Sindku nfurmat li l-komuità tal-patrijiet ta' Baħar iċ-Ċagħaq tkellmu magħha għal għajnuna biex isir il-festin/attività tal-Milied.

10.2. Fid-dawl li l-Kunsill ma kienx infurmat dwar l-ispejjez involuti u li ma kienx involut bi ftehim bil-quddiem, il-Kumitat qabel li ma' jħallasx għal spejjez li ma' kienx jaf bihom.

**11. Jum il-Mara**

11.1. Is-Sindku infurmat li kienet qed torganizza attivtà għal jum il-Mara bil-*panel* f'forma ta' diskussjoni. Hija talbet l-approvazzjoni tal-Kumitat għal spejjez biex wara jkun hemm bibita ċkejkna għal min jattendi.

11.2. Il-Kumitat qabel.

**12. Talba għal għajnuna għal esebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira**

12.1. Is-SE informa lill-Kumitat li hemm talba għal reklamar minn naħa tal-Kumitat tal-Banda Vittorja. Huwa nforma li normalment dawn il-fondi kienu jingħataw mir-Reġjun Tramuntana u dak li jingħata se jkun rimborsat mir-Reġjun.

12.2. IL-Kumitat qabel li jngħataw €500.

---

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **21 ta' Frar 2024** |
| **Ħin:** | **14.30 -15.07** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat, Il-Kunsillier Joe Spiteri, is-Segretajru Eżekuttiv u Yanika Borg, Uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjon i tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 13059 | n/a | Talba sabiex Triq il-Konti Manduca tigi ma tidholx minn 21st September Avn. Ifisser tohrog biss. Dan ghaliex il-karozzi qeghdin jidhlu, u finalment ma jiksrux mal-ewwel side road kif suppost izda jibqghu ghaddejjin mill-Konti Manduca, jinjoraw it-tabelli tan-No Entry. | Konti Manduca | Il-Kumitat qabel li ssir konsultazzjoni biex il-parti ta' Triq il-Konti Manduca bejn Triq Dun Gorg Fiteni u Triq il-Markiż Ċensu Depiro, ma tibqax one way. Wara, jekk ir-residenti jaqblu tintalab l-approvazzjoni ta' TM. |
| 13061 | | Talba ghall-Communal Disability Blue Badge Parking Bay ġo Triq il-Buzjett viċin ir-residenza numru 2. | Buzjett | Din talba qed tiġi rtirata minħabba li se ssir applikazzjoni personali. |
| 13062 | 69496 | talba għall-traffic mirror fejn hemm it-tabella tal-isem ta' Triq Guze Muscat. Triq San Gwann kantuniera ma Triq Guze Muscat. Location - https://maps.app.goo.gl/C3up7aMhGx3fJBZa7 | San Gwann | Mhux approvata minħabba li mera ma tkunx effetiva għal-iskop li qed tintalab. Dan fid-dawl ukoll li l-amministrazzjoni qed taħdem fuq miżuri oħrajn relatati. |
| 13063 | 69496 | talba biex jigu irrangati il-line markings u it-tabelli go Triq Guze Muscat. Hemm il-line marking + tabelli mhux qeghdin cari fl-ewwel bicca tat-triq k/m Triq Santa Marija. Hemm parking box bajda bejn 2 garaxxijiet li qieghed itellef il-vizjoni tal-karozzi niezlin minn-Triq Santa Lucija. | Guze' Muscat | Isiru il-linji tal-karreġjata u miżuri oħra fiż-żona skont li hemm bżonn. |
| 13065 | | Talba ghall-Communal Disability Blue Badge Parking Bay ġo Triq Hal-Dghejf viċin ir-residenza numru 70. | Hal-Dghejf | M'hemmx oġġezzjoni fil-prinċipju iżda ma jidhirx li hemm post fejn issir minħabba li hemm ħafna garaxxijiet. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13098 | 70892 | Talba għal bollards fuq wara tal-Knisja Parrokjali, dan wara li seħħ inċident. | Toni Bajjada | Isiru żewġ planters li jservu bħala barriers. |
| 13102 | 71126 | talba biex jehlu bollards fid-dawra ta' wara l-kappella ta Triq il-Katakombi, Salina. Daħlilna ilment li qegħdin jingħaqqdu mal-lane ta' Triq il-Katakombi (direzzjoni hiergin il-barra mis-Salina) mhux kif intenzjonat u qieghed ikun hemm l-accidenti | Katakombi | Mhux approvati minħabba li jistgħu ikunu lok għal inċidenti. |
| 13103 | 71202 | Talba minghand l-EPIC - jixtiequ jpoggu apparat biex jissahhah il-coverage tal-mobile tal-kumpanija taghhom. Jixtiequ approvazzjoni/meeting qabel ma jmorru ghand il-PA. Anness ghandek issib ir-ritratti u s-site plan kif ircivejniehom. | Kosta - Salina | Nistaqsu minn fejn se jgħaddu l-cables għal fuq il-post biex ikunu evitati l-cables jidhru. Bħala arblu waħdu m'hemmx oġġezzjoni, sakemm ma jkunx hemm cables jidhru jaqsmu t-toroq. |
| 13121 | 71371 | talba għall-traffic mirror ġo Triq Ħal Dgħejf | Hal-Dghejf | Mhux approvata minħabba li 1. ma tkunx effetiva u 2. m'hemmx post adegwat fejn issir. |
| 13122 | 71534 | Problema ta' access ghal Garage. | Ifran | Approvata. |

**Is-Sindku, flimkien mal-Kunsillier Marlon Brincat jipproponu:**

- Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill biex japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiżviluppa l-latrina skont pjanti li kienu ġew maqbula mill-Kunsill;
- Wara talba min-Naxxar Lions FC biex il-Kunsill jikkonsidra jalloka l-użu tal-propjetà lilhom;
- Wara li hemm indikazzjonijiet li l-Kunsill jista' jagħmel ftehim direttament m'għaqdiet lokali;
- Konxji li n-Naxxar Lions spiċċaw mingħajr każin; u
- Konxji li n-Naxxar Lions hija għaqda bi storja twila fin-Naxxar;

Qiegħed hawnhekk ikun propost illi:

Bl-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Kunsill jidħol fi ftehim man-Naxxar Lions FC sabiex jamministraw iż-żona tal-latrina u tal-grawnd tal-futboll. Dan isir b'numru ta' kundizzjonijiet fosthom li, a spejjeż tagħhom, Naxxar Lions FC:

1. Jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u t-tindif tal-latrina;
2. Kuljum jikinsu l-bandli;
3. Darbtejn fil-ġimgħa jaħslu l-bandli u l-apparat permezz ta' power washer;
4. Jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u t-tindif tal-grawnd tal-futbol;
5. Kull sena, f'data li jiddeċiedi l-Kunsill, jikkordinaw attività tal-Milied li prinċipalment tikkonsisti f'kunċert għall-pubbliku kollu;

Bħala amministraturi, n-Naxxar Lions FC jkollhom il-jedd li jilqgħu *bookings* ta' logħob organizzat fil-grawnd kontra ħlas raġonevoli:

> Iżda, bejn it-08:00 u l-17:00, sakemm ma jkunx hemm logħob organizzat, il-grawnd irid ikun aċċessibbli għall-pubbliku kollu bla ħlas;
>
> Iżda meta jkun hemm aktar minn talba waħda fl-istess ħin u ġurnata għal-logħob organizzat, għandha tingħata preferenza lill-għaqdiet lokali u wara lil residenti Naxxarin.
>
> Iżda wkoll il-grawnd għandu jkun allokat lill-għaqdiet lokali bla ħlas għal okkażjonijiet partikulari. It-talba mill-għaqda trid issir direttament lill-Kunsill sabiex jikkonferma li tali użu bla ħlas ikun eliġibbli. Għaqda ma tkunx eliġibbli għal użu bla ħlas jekk tali użu se jsarraf fi dħul għall-għaqda.

L-ebda xogħol u tibdil strutturali ma jista' jsir mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

In-Naxxar Lions jingħataw id-dritt li jwaħħu reklami mad-dawra tal-grawnd tal-futboll kontra ħlas ta' Eur1000 fis-sena.

Dawn il-kundizzjonijiet huma biss gwida u ma jżommx lill-Kunsill li jagħmel arranġamenti differenti sakemm isarraf f'benefiċċju kemm għall-Kunsill kif ukoll għan-Naxxar Lions.

**Jissekondaw:**

Maryanne Cuomo

Noel Gatt